**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TAL-GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Illum: 9 ta' Ottubru, 2015**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Alan Piscopo**
**(ID 236974(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Alan Piscopo ta' 39 sena, iben Louis u Angela nee` Berry, imwieled Pieta` fid-9 ta' April 1974 u residenti 'Ocean View', Flat 5, Trejqet ir-Rand, Marsaskala u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 236974(M);

Akkuzat talli bejn l-14 ta' Novembru 2013 u l-15 ta' Novembru 2013 fi Triq Regjonali, Santa Venera:

1. Qieghed jew gieghel li jitqieghed *billboard* fit-triq minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Awtorita` u dan bi ksur ta' Legislazzjoni Sussidjarja 499.32, Artikolu 3;

2. U aktar talli bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita` tieghu nniffsu, lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejjgu jew b'xi mod iehor, kontra l-

ligi, indahal fi hwejjeg haddiehor u dan bi ksur tal-Artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**:

Illi kif jirrizulta mill-affidavit ta' WPS 224 S. Mifsud[1], fil-15 ta' Novembru 2013 ghall-habta tas-2.15 p.m., certu Philippe Gatt irrapporta gewwa l-Ghassa tal-Hamrun illi huwa kellu *billboard* fi Triq Regjonali, Santa Venera, liema *billboard* giet mnehhija minn fejn kienet u mpoggija fil-genb ta' triq. Minflokha tpoggiet *billboard* ohra. L-istess Gatt irrapporta wkoll illi din il-*billboard* giet imnehhija bejn l-14 u l-15 ta' Novembru 2013 minn certu Alan Piscopo – ossia l-imputat odjern – li fix-xahar ta' Ottubru 2013, kien ghamel kuntatt mieghu bit-telefon u qallu li jekk ma kienx ser inehhi l-*billboard* tieghu, kien ser jaqlaghha u jpoggihielu quddiem id-dar tieghu (tal-kwerelant). L-istess Surgent WPS 224 tghid ukoll illi hija kellmet lil Piscopo gewwa l-Ghassa tal-Hamrun. Stante illi ma jirrizultax mill-istess affidavit illi Piscopo ossia l-imputat odjern, inghata s-solita twissija qabel gie mitkellem ossia li kellu d-dritt li jibqa' sieket u li dak li jghid jista' jingieb bhala prova, il-Qorti m'hijiex qeghda tiehu konjizzjoni ta' dak li xehdet WPS 224 f'dan ir-rigward.

Issa f'dan il-kaz, l-imputat qed jigi akkuzat talli fl-ewwel lok huwa qieghed jew gieghel li titqieghed *billboard* fit-triq, minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Awtorita` u fit-tieni lok bir-reat ta' *ragion fattasi*. Dawn iz-zewg imputazzjonijiet jirreferu specifikatament ghall-jiem bejn l-14 ta' Novembru 2013 u l-15 ta' Novembru 2013.

Jibda biex jinghad illi jirrizulta mix-xhieda ta' Philippe Gatt[2] illi l-*billboard* tieghu jew tal-kumpanija tieghu giet installata fil-post in kwistjoni nhar il-5 ta' Ottubru 2013 u li dakinhar stess kienu cemplulu kemm l-imputat, kif ukoll certu Kenneth Abela u qalulu biex inehhi l-*billboard* minn postu u li kemm il-darba ma kienx ser inehhiha, il-*billboard* kienet ser tispicca quddiem id-dar tieghu. Sussegwentement, ghall-habta ta' nofs Novembru, wiehed mill-impjegati tieghu infurmah li l-*billboard* kienet qeghda fin-nofs tat-triq u x'hin huwa mar fuq il-post, huwa sab il-

[1] A fol. 2 *et seq* tal-process.
[2] A fol. 6 *et seq* tal-process.

*billboard* tal-kumpanija ta' Piscopo – Kap Services - minflok tieghu. Kien ghalhekk li mar jaghmel rapport mal-Pulizija. In kontro-ezami, ix-xhud qal illi huwa ma jafx jekk il-*billboard* kinitx tnehhiet dakinhar stess li gie avzat dwar dan mill-impjegati tieghu. Fi kliemu stess "*...setghu qalugha two days before*" u meta gie ssuggerit lilu illi setghet inqalghet gimgha qabel per ezempju, ix-xhud wiegeb "*Jista' jkun*". Mistoqsi jekk kienx jiftakar meta kien ra l-*billboard* tieghu qabel, huwa qal illi ma kienx jaf. Anke fil-kontro-ezami tieghu tas-17 ta' Frar 2015,[3] Gatt xehed illi huwa ha r-ritratti tal-*billboard* maqlugh xi gurnata jew jumejn wara li tressqet il-*billboard* tieghu, meta nduna b'dak li kien gara.

Fix-xhieda tieghu[4], imbaghad, Kenneth Abela, ossia wiehed mid-diretturi ta' Kap Services Limited, jghid illi kien huwa li kien qabbad lill-kuntrattur sabiex iressaq l-istruttura tal-kwerelant u minfloka jqieghed l-istruttura tieghu. Jghid ukoll fix-xhieda tieghu illi huwa kien qal lill-kwerelant li kellu kirja "*by the 15th of the month*" u li ma setax jitlifha, izda l-kwerelant baqa' jtawwal iz-zmien u ma jaghtihx risposta dwar id-divergenza li nqalghet bejniethom fir-rigward tal-*billboard*. Mistoqsi meta kien li qabbad lill-kuntrattur biex jaqla' l-istruttura ta' Gatt, ix-xhud wiegeb "*Xi gimgha qabel l-ittra tal-pulizija. Xi gimgha qabel sar ir-rapport*".

Issa fil-fehma tal-Qorti, kemm mix-xhieda tal-kwerelant, kif ukoll ta' Abela, diga` ma jirrizultax ippruvat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi effettivament il-*billboard* tal-kwerelant giet imnehhija u sostitwita b'*billboard* ohra tal-kumpanija Kap Services Limited bejn l-14 u l-15 ta' Novembru 2013, kif indikat fic-citazzjoni odjerna. Ghalkemm Abela jghid illi kellu kirja tal-*billboard* sal-hmistax tax-xahar, biss kif jirrizulta mix-xhieda tal-kwerelant, huwa ma setax jghid ezattament meta tnehhiet il-*billboard* tieghu, ghajr illi huwa nduna b'dan fil-15 ta' Novembru 2013 ossia fil-jum li ghamel ir-rapport u fil-fatt skond hu, setghet tnehhiet anke jumejn qabel ossia ghalhekk fit-13 ta' Novembru 2015. Il-kwerelant lanqas ma seta' jiftakar meta kien ra l-ahhar il-*billboard* tieghu fuq il-post, qabel din tnehhiet. Anke Abela, ghalkemm x'aktarx konvenjentement, jghid illi huwa ordna lill-kuntrattur sabiex inehhi l-*billboard* u minflok iqieghed tieghu, xi gimgha qabel sar ir-rapport lill-pulizija.

In oltre, l-imputat gie akkuzat biss f'ismu proprju u mhux fil-kwalita` tieghu ta' direttur tal-kumpanija Kap Services Limited. Apparti illi ma jirrizultax mill-provi illi kien huwa personalment illi qieghed il-*billboard* tal-kumpanija tieghu fil-post

---

[3] A fol. 44 *et seq* tal-process.

[4] A fol. 49 *et seq* tal-process.

in kwistjoni jew li nehha l-*billboard* tal-kwerelant, tant illi fil-fatt anke l-kwerelant jghid illi huwa assuma li kien l-imputat li nehha l-*billboard* ghaliex kien kellmu dwarha l-istess imputat, meta in oltre jghid ukoll illi anke Abela kien kellmu dwar din il-*billboard* fl-istess zmien, da parti tieghu, Abela jghid illi kien hu li qabbad lill-kuntrattur sabiex iqieghed il-*billboard* tal-kumpanija, li taghha huwa direttur, minflok dik tal-kwerelant. Issa ghalkemm Abela jghid ukoll fix-xhieda tieghu, illi huwa kien qed jghid lill-imputat bhala direttur iehor tal-istess kumpanija – u l-*parte civile* iddikjarat illi ma hux ikkontestat illi d-diretturi tal-kumpanija huma l-imputat odjern u Abela – b'dak kollu li kien qed jigri, biss in-nuqqas tal-imputat li jagixxi, skond l-Artikolu 13 tal-Kap. 249, sar fil-kapacita` tieghu ta' direttur tal-kumpanija u ghalhekk mhux skond ic-citazzjoni oderjna.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi z-zewg imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ma gewx ippruvati sodisfacentement, fil-grad rikjest mil-ligi.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minnhom.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat